MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14

Il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

14.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier John Cassar informa lill-Kunsill li ser jattendi ftit tard għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 13 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

14.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

14.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

14.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li fix-xahar ta' Mejju, il-Kunsill kien impenjat b'diversi attivitajiet li ġew organizzati b'suċċess. Il-maġġoranza ta' dawn l-attivitajiet ittellgħu fil-jiem ta'qabel il-Festa Titulari tal-Munxar.

14.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li grazzi għall-interventi ta' Infrastructure Malta wara pressjoni mill-Kunsill Lokali, sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-moll prinċipali tax-Xlendi fejn saret tarġa biex tiffaċilita' l-aċċess għas-sajjieda u s-sidien tal-opri tal-baħar kif ukoll tneħħa xi ġebel li kien quddiem l-*islipway*. L-interventi ta' Infrastructure Malta kienu jinkludu wkoll t-tneħħija tat-tarag tal-konkos li kien għadu mwaħħal mal-blata li kienet ċediet fil-baħar.

Kunsill Lokali Il-Munxar

14.3.3 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li l-Kunsill bħalissa qiegħed f'kuntatt kontinwu mad-Dipartiment tas-Sanita' wara li l-bajja tax-Xlendi ġiet magħluqa għall-għawm. Id-Dipartiment tas-Sanita' qed jiġbor tlett kampjuni tal-baħar kuljum b'tama li fil-jiem li ġejjin terġa' tinfetaħ u tkun sigura għall-għawm mill-pubbliku.

14.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li s-servizz li qed jingħata lill-istabilimenti kummerċjali b'kollaborazzjoni mal-Ministeru Għall-Ambjent tax-*Xlendi Waste Depot* qed jintuża' u jilħaq l-għanjiet tal-proġett. Madanakollu, il-Kunsill qed jiffaċċja problemi minħabba nuqqas fis-separazzjoni tal-iskart mill-operaturi. Dan in-nuqqas qed iwassal f'multi ħorox lill-Kunsill minn WasteServ Malta Ltd. Il-Kunsill talab lil Contract Manager li huwa l-entita' Circular Economy Malta biex tintervjeni dwar dan ir-rigward. Din l-Entita' marret għand kull operatur fil-jiem li għaddew sabiex twissihom biex jisseparaw tajjeb u l-Kunsill Lokali organizza laqgħa nformattiva li ser issir nhar is-27 ta' Ġunju 2025. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill ma jħallasx dawn il-multi għalissa u ssir diskussjoni ma' WasteServ Malta Ltd u ma' Circular Economy Malta.

14.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda laqgħa ġewwa l-Ministeru Għal Għawdex dwar skart li qed jintefa' f'postijiet pubbliċi u mhux jinġabar mill-kollettur minħabba li l-kuntratt maħruġ mill-Kunsill Reġjonali Għawdex jgħid li l-iskart għandu jinġabar minn ħdejn id-djar residenzjali. Għaldaqstant, is-Sindku għarraf lill-membri li waqt dik il-laqgħa ġie deċiż li l-Kunsill Reġjonali Għawdex ser joħloq fond ta' €2,500 sabiex dan l-iskart jinġabar miż-żoni pubbliċi bħal Pjazza Anfori. Huwa qal li f'din laqgħa kien hemm preżenti wkoll rappreżentanti tal-Kunsill taż-żebbuġ Għawdex u tar-Rabat Għawdex.

14.4.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li rċieva suġġeriment sabiex fi Triq ir-Rabat isir sprall biex jilqa' l-ilma minħabba li fil-maltemp qed jidħol l-ilma ġewwa l-proprjetajiet f'dawk l-inħawi. Kien hemm qbil li jsir sprall li jiġi konness ma' sprall ieħor eżistenti fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

## 14.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

14.4.1 Il-Kunsillier John Farrugia ressaq proposta sabiex isir ħasil u tindif fi Pjazza Anfori fil-madwar tal-ATM. Kien hemm qbil sabiex tinġibed l-

attenzjoni tas-Sezzjoni tal-Cleansing fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

14.4.2 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar xi progress fuq il-proposta mressqa biex tiġi nstallata magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken. Is-Sindku wieġeb li wara dik il-laqgħa mar-rappreżentant tal-kumpanija BCRS fejn kien ġie kkonfermat li din ser tiġi nstallata fi Pjazza Anfori fix-Xlendi ħdejn il-*Waste Depot* u ser japplikaw għall-permessi mill-awtoritajiet konċernati, il-Kunsill ma rċieva l-ebda komunikat ieħor.

14.4.3 Il-Kunsillier John Cassar issuġġerixxa sabiex l-mitħna sotterranja tax-Xlendi terġa' tinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu bżonn ta' finanzjament għall-manutenzjoni u l-operat ta' dan is-sit kif ukoll għajnuna għar-riżorsi umani biex jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li ssir talba biex isir ftehim ma' Heritage Malta għal ġestjoni ta' dan is-sit storiku.

## 14.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

14.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed jissottometti applikazzjoni għall-estensjoni tal-proġett ta' Triq Santa Dminka mal-awtoritajiet konċernati biex jiġi żgurat li l-proġett jiġi komplut u mplimentat b'suċċess.

14.5.2 Is-Sindku ppropona sabiex dan is-Sajf, il-Kunsill jerġa' jikkollabora ma' diversi entitajiet biex jiġu organizzati attivitajiet soċjo-kulturali. Dawn jinkludu il-programm 'I Love Xlendi' li jsir kull nhar ta' Ħadd, il-Fjakkolata Tradizzjonali li ssir kull nhar ta' Sibt, 'Ceramics Festival' li din is-sena ser isir nhar it-2 t'Awwissu 2025, l-attivita' annwali ta' Munxar Falcons FC ġewwa Ġnien il-Professur Ġuże Aquilina, attivita' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex nhar it-8 t'Awwissu 2025, 'Xlendi Sunset Festival' li se jsir nhar id-9 t'Awwissu 2025, attivita' oħra fix-Xlendi b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta u l-Ġostra Tradizzjonali fil-Festa tax-Xlendi nhar is-17 t'Awwissu 2025. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jikkollabora fl-organizzazzjoni ta'dawn l-attivitajiet.

14.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ottjena fondi Ewropej tal-programm LEADER amministrat mill-Gozo Action Group Foundation miżura numru 4 : "Rejuvinating Gozo". Hu spjega li, fis-sena 2024, il-

Kunsill Lokali Il-Munxar

Kunsill kien applika flimkien mal-NGOs tal-lokalita' Sezzjoni Żgħażagh Pawlini Munxarin u Munxar Falcons FC sabiex il-Kunsill jibdel il-bankijiet tal-konkos u l-*picnic tables* ta' matul ix-xtajta tax-Xlendi filwaqt li l-NGOs jimmodernizzaw is-sistemi tagħhom u jakkwistaw tagħmir sportiv. Dakinhar, il-Kunsill ikklassifika fil-ħames post u tqiegħed it-tieni fil-lista ta' riżerva. Is-Sindku għarraf lill-membri li fil-jiem li għaddew il-Kunsill irċieva l-ittra tal-għoti ta' dawn il-fondi u minnufih beda x-xogħol mill-imsieħba kollha tal-proġett minħabba dati ristretti biex dan jiġi komplut. Għaldaqstant, il-Kunsill ippublika sejħa għall-offerti għall-bdil tal-bankijiet. Stima preliminari tal-Perit indikat li se jkun hemm xi *savings* mill-ammont ippjanat għall-akkwist ta' dawn il-bankijiet u għalhekk kien hemm qbil mill-membri preżenti li jinħarġu sejħiet għall-kwotazzjonijiet biex il-Kunsill jakkwista qsari tal-konkos miksija bil-*mosaic*.

14.5.4 Dwar il-proġett tal-installazzjoni tal-bust tal-Professur Ġuże' Aquilina, is-Sindku għarraf lill-membri li l-permessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar ġew approvati u għaldaqstant il-Kunsill jista' jibda x-xogħlijiet ippjanati inkluż dawk infrastrutturali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 14.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements għas-sena 2024;

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-awditjar tal-istqarrijiet finanzjarji tas-sena 2024 għadhom għaddejjin. Huwa spjega kif kull talba għal dokumenti u informazzjoni li saret mill-awdituri dejjem ingħatat u fl-iqsar żmien possibbli, dan jista' jiġi vverifikat fis-sistema tal-awdituri stess. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li spiss kien ifakkar lill-awdituri dwar id-data ta' skadenza maħruġa mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali biex jitlesta dan il-proċess. Madanakollu, l-istqarrijiet finanzjarji awditjati għadhom mhumiex konklużi. Il-Kunsill innota dan u kien hemm qbil li jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 14.7 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2025 – Marzu 2025 (It-Tieni Kwart);

14.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Marzu 2025 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.

Kunsill Lokali Il-Munxar

Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart Jannar 2025 – Marzu 2025 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 14.8 Sejħiet għall-offerti;

14.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill ippubblika sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-bdil tal-palm fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Madanakollu wara l-għeluq taż-żmien tas-sottomissjoni, il-Kunsill ma rċieva l-ebda sottomissjoni. Is-Sindku għarraf lill-membri li minnufih il-Kunsill reġa ppubblika din is-sejħa u għat-tieni darba ma kienx hemm interess mill-ebda kuntrattur. Wara diskussjoni dwar din il-materja u reviżjoni tad-dokument tas-sejħa, kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi ċċarat aktar li dan ix-xogħol huwa mitlub biex isir fuq żewġ palmiet u terġa' tinħareġ din is-sejħa għal dan ix-xogħol għat-tielet darba.

14.8.2 Is-Sindku, dwar is-sejħa għall-offerti ppublikata għat-tneħħija u r-rimi tal-bankijiet tal-konkos li hemm preżentement u għall-akkwist ta' oħrajn ġodda magħmula mill-ġebla tal-qawwi, issuġġerixxa sabiex il-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mill-konsulent William Sultana, il-Perit Mariella Xuereb u l-Accountant Daniel Galea bħala evalwaturi filwaqt li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala *Chairperson* u Segretarju tal-bord. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

14.8.3 Is-Sindku, dwar is-sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jiġi nstallat bust tal-Professur Ġuże' Aquilina, stqarr li wara li ġew sottomessi l-kwotazzjonijiet huwa minnufih informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ma xtaqx jassumi l-kariga ta' *chairperson* tal-bord tal-evalwazzjoni. Għaldaqstant, bħala Kunsillier responsabbli mill-kultura, is-Segretarju Eżekuttiv ħatar lill-Kunsillier Mark Busuttil bħala *chairperson* tal-bord tal-evalwazzjoni. Dan sar biex ma jieqafx il-proċess u l-evalwazzjoni setgħet issir.
F'dan l-istadju tal-laqgħa, is-Sindku talab ukoll sabiex jirtira mill-laqgħa u ma jipparteċipax fid-diskussjoni tar-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni minħabba li l-unika persuna/artist li ssottometta il-kwotazzjoni kien jafu mill-qrib. It-talba ġiet milqugħa mill-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjoni miftuħa nhar it-3 ta' Ġunju 2025. Kien hemm offerta waħda biss:
Michael Josef Cutajar - €9,450.00

Kunsill Lokali Il-Munxar

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent Michael Josef Cutajar li kien konformi mar-rekwiżiti mitluba.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.
Is-Sindku reġa' daħal fil-kamra u kompla jippresjedi l-laqgħa.

**14.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

14.9.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Programm ta' "I Love Xlendi Summer Events 2025" Triq ir-Rabat, Xlendi organizzat mill-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar;
- Attivita' Soċjali organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar – 5 ta' Lulju 2025;
- Attivita Soċjali privata f'Xatt Ix-Xlendi – 11 ta' Lulju 2025;
- Attivita' Reliġjuża organizzata mill-Parroċċa tal-Munxar fi Pjazza tal-Knisja u Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar – 16 ta' Lulju 2025;
- Attivita' soċjali organizzata minn Munxar Falcons FC fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, Il-Munxar – 2 t'Awwissu 2025;
- Attivita Soċjali "Gozo Ceramics Festival" organizzata minn Alka Ceramics Ltd f' Xatt ix-Xlendi u Triq Ir-Rabat, Xlendi – 3 t'Awwissu 2025.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva l-permessi ġaladarba l-Kunsill jirċievi *no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

14.9.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta biex il-Kunsill jissottometti rapport dwar parkeġġ riservat personalizzat fi Triq Ta' Rinota fil-Munxar. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar din it-talba mill-membri u l-Kunsill ser jissottometti r-rapport.

14.9.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex juri l-interess tiegħu biex għal sena oħra jerġa' jospita' lil żgħażagħ Ukreni bħala ġest ta' solidarjetà. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan sabiex il-Kunsill jospita' lil dawn iż-żgħażagħ nhar id-19 t'Awwissu 2025 mill-4pm 'il quddiem.

Kunsill Lokali Il-Munxar

14.9.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex b'ilment dwar vetturi ATVs li qed jagħmlu ħafna storbju u jkunu ta' periklu fit-toroq tal-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u ġie mgħarraf ukoll li l-istess ilment għadda għand il-Pulizija li hija l-entita' li tista' tinforza u tieħu azzjoni.

14.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mibgħutha lilu mill-Uffiċċjali Klerikali tal-Kunsill b'talba sabiex wara l-proċess ta' assimilazzjoni u wara għaddiet sena fi skala 14 *notch* 4, tingħata l-*increment* annwali għal skala 14 *notch* 5 b'effett mill-1 ta' Lulju 2025. Kien hemm qbil u approvazzjoni mill-membri dwar din it-talba.

14.9.6 PQ 28135 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Xiri ta' karozzi ġodda – Nefqa. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

14.9.7 PQ 27586-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Credit/Debit cards. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

14.9.8 PQ 29117 - Kunsilli Lokali - Kunsilliera responsabbli għall-isport. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

14.9.9 PQ 28991 - Bus Stages. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

14.9.10 PQ 28989 - Bus shelters. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

14.9.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta dwar manutenzjoni ta' sinjali u marki stradali fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.12 Il-Kunsill irċieva ċirkulari bin-numru 02/2025 maħruġa mill-Ministeru Għall-Agrikoltura, Is-Sajd u D-Drittijiet tal-Annimali dwar attivitajiet pubbliċi bl-involviment ta' Annimali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.13 Ċirkulari DGL 02/2025 – Dettalji ta' Kuntatt : Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

14.9.14 Direttiva DG 01/2025 – Pożizzjonijiet ġodda fi Gradi Maniġerjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.15 Ċirkulari Nru AKL 2025/032 – First Aid & AED Training 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.16 Ċirkulari Nru AKL 2025/033 – Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali : Uffiċċjal Amministrattiv I Skala 12. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.17 Ċirkulari Nru AKL 2025/034 – Sejħa għall-Parteċipazzjoni f'Tournament Nazzjonali tad-Draughts għall-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.18 Ċirkulari Nru AKL 2025/035 – ALDA Local Training on the EU Charter of Fundamental Rights. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.19 Ċirkulari Nru AKL 2025/037 – Life Skills lab promotion through local councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.20 Ċirkulari Nru AKL 2025/038 – Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali : International Affairs and EU Projects Manager Skala 7. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.21 Ċirkulari Nru AKL 2025/039 – ALL DIGITAL Summit 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.22 Ċirkulari Nru AKL 2025/040 – MBDF User guidelines (EU Accessibility Act). Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.23 Ċirkulari Nru AKL 2025/041 – Invitation to Green at You Masterclass Friday 20 June 10:00 – 11:30 online. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.9.24 Ilment 12/2025 (aġġornament)
Resident li kien talab kumpens għall-ħsara fil-vettura tiegħu kawża ta' gandott f'Ttriq Santa Dminka fil-Munxar, kien mitlub jiltaqa' ma' *surveyor* imqabbad mill-Kunsill sabiex jispezzjona l-vettura. Madankollu, dan ir-resident ma attendiex għall-appuntament miftiehem u ma għamel l-ebda komunikazzjoni oħra sussegwentement. Il-Kunsill innota dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

14.9.25 Ilment 20/2025

Talba sabiex jingħata permess jidħol bil-vettura tiegħu fejn il-*boatyard* biex ikun jista' jħott u jgħabbi affarijiet relatati mal-kiri tal-proprjeta' tiegħu. Il-Kunsill m'għandu l-ebda poter jagħmel dan u se jirreferih għand Transport Malta.

14.9.26 Ilment 21/2025

Persuna tissuġġerixxi sabiex jinbidlu l-bankijiet tal-konkos ta' max-xtajta fix-Xlendi filwaqt li tiġbed l-attenzjoni li l-*iswimming zone* ċkienet għal fejn snin passati. Il-Kunsill irrimarka li l-*iswimming zone* hija stabbilita minn Transport Malta filwaqt li l-bankijiet imsemmija ser jinbidlu dan is-Sajf permezz ta' fondi ewropej.

14.9.27 Ilment 22/2025

Persuna tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar nuqqas minn Pulizija li kien ix-Xlendi u għalkemm neħħa l-vetturi li kienu mal-bajja tax-Xlendi pparkjati llegalment, ma tagħhomx kontravenzjoni u dawn il-vetturi reġgħu pparkjaw hekk kif telaq il-Pulizija. Din il-persuna ġibdet l-attenzjoni dwar makkinarju u dgħajsa pparkjati fi Triq Rumani fix-Xlendi kif ukoll l-istat ta' Pjazza Anfori. Il-Kunsill innota l-kontenut u se jgħaddi l-ilment lill-entitajiet konċernati.

14.9.28 Ilment 23/2025

Talba sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku quddiem fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

14.9.29 Ilment 24/2025

Persuna titlob sabiex jerġgħu jinżebgħu l-marki stradali bojod bejn il-karreġġjati fi Triq Santa Dminka sa Triq Marziena fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din it-talba tgħaddi għand Transport Malta minħabba li hija triq arterjali.

14.9.30 Ilment 25/2025

Residenta tilmenta li wara spezzjoni li saret mid-Dipartiment tas-Sanita fejn inġibdet l-attenzjoni li s-servizz tad-drenaġġ tagħha mhux konness kif suppost mal-*main* tal-gvern. Hija tisħaq li din il-konnessjoni kienet saret mill-kuntrattur li għamel it-triq lura fis-snin. Il-Kunsill irrimarka li spezzjonijiet bħal dawn qed isiru fix-Xlendi kollu fejn il-proprjetajiet li mhux konnessi mas-sistema tad-drenaġġ kif suppost qed jintalbu sabiex is-sidien jirranġaw a spejjeż tagħhom. Kien

Kunsill Lokali Il-Munxar

hemm qbil mill-membri sabiex din ir-residenta tiġi nfurmata li l-Kunsill m'għandux x'jaqsam ma' din il-materja.

14.9.31 Ilment 26/2025
Residenta titlob sabiex *double yellow line* li hemm preżentement qrib ir-residenza tagħha jiġi kkonvertit *f'single yellow line* sabiex tkun tista twaqqaf u tniżżel lil ommha li hija anzjana. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir minn Transport Malta dwar dan.

14.9.32 Ilment 27/2025
Persuna tissuġġerixxi sabiex jinbidlu l-*picnic tables* tal-passaġġ ta' taħt Triq il-Kantra kif ukoll isir qtugħ ta' ħaxix ħażin fl-istess passaġġ. Kien hemm qbil mill-membri dwar ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin filwaqt li l-*picnic tables* ser jinbidlu dan is-Sajf permezz ta' fondi ewropej.

14.9.33 Ilment 28/2025
Jitlob sabiex jingħata wiċċ bit-tarmak jew bil-konkos fil-parti l-ġdida ta' Triq Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

14.9.34 Ilment 29/2025
Residenta tilmenta dwar oġġetti li qed jiżgumbraw il-bankini u t-triq fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jintervjeni fejn jista'.

14.9.35 Ilment 30/2025
Persuna tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tankijiet taż-żibel u telqa fil-madwar tax-xowers pubbliċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand is-sezzjoni tal-Beach Cleaning fi ħdan il- Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

14.9.36 Ilment 31/2025
Residenta fi Triq Puniċi fix-Xlendi titlob sabiex titneħħa għatba tal-konkos li saret illegalment fit-triq. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

14.9.37 Ilment 32/2025
Resident jissuġġerixxi sabiex jerġgħu jinżebgħu l-marki stradali fi Triq San Xmun. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

Kunsill Lokali Il-Munxar

14.9.38 Ilment 33/2025
Resident jiġbed l-attenzjoni dwar għeluq ta' toroq minħabba xogħlijiet b'makkinarju fit-toroq fl-istess ħinijiet li parti minn Triq ir-Rabat u Xatt ix-Xlendi jiġu pedonali fiż-żmien tas-Sajf. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

14.9.39 Ilment 34/2025
Persuna titlob sabiex tiġi installata mera tat-traffiku faċċata ta' passaġġ fi Triq Marziena kif ukoll jinqata' l-ħaxix ħażin tal-istess passaġġ. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan iżda jidentifika eżatt liema hu l-passaġġ imsemmi.

14.9.40 Ilment 35/2025
Persuna tilmenta dwar il-popolazzjoni tal-papri fix-Xlendi fid-dawl tal-marda tat-tjur *Newcastle Disease* u minħabba l-fatt li dawn il-papri qed iħammġu fuq ir-ramel tal-bajja wkoll fejn jilgħabu t-tfal. L-istess persuna tilmenta dwar gabbana li ma tintużax li qed tokkupa spazju ta' parkeġġ fi Pjazza Anfori. Il-Kunsill ħa nota ta' dawn l-ilmenti u ser jgħaddihom għand l-awtoritajiet konċernati.

14.9.41 Ilment 36/2025
Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem il-proprjeta ġdida tiegħu fi Triq Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

14.9.42 Ilment 37/2025
Resident fi Triq San Pawl fil-Munxar jilmenta dwar problema tal-ilma quddiem ir-residenza tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex l-ewwel jiġi identifikat l-ilma quddiem ir-residenza tiegħu mnejn hu ġej.

## 14.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

14.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 14/2025-9 għall-perjodu bejn is-6 ta' Mejju 2025 u is-26 ta' Ġunju 2025 li tammonta għal €55,465.24 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 14.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Lulju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar